MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 146/1992/2

**Angelo Montebello**

**Vs**

**George Mifsud**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur huwa proprjetarju ta' zewg plots markati bin-numru tlettax u erbatax, mill-artijiet fabbrikabbli f'San Gorg, Birzebbugia, imsejha "Ta' Ghajn Blat" fil-kontrada ta' Ghar Dalam, liema plots l-attur akkwista b'kuntratt tal-21 ta' Awissu 1981 fl-atti tan-Nutar

Dr. Joseph Raphael Darmanin, kopja ta' liema kuntratt gie annessa ma' l-att tac-citazzjoni u markata Dokument A;

Premess illi fl-imsemmi kuntratt saret riferenza ghall-pjanta annessa ma' l-att tan-Nutar Dr. Joseph Brincat ta' l-10 ta' Jannar 1980;

Premess illi minn mindu l-attur akkwista l-imsemmija plots jidher illi t-triq progettata giet spostata aktar 'il barra milli kienet bir-rizultat illi l-plots kollha fl-istess triq kibru fil-fond taghhom;

Premess illil-konvenut qieghed jibni fuq plots attigwi ghal dawk ta' l-attur u invada l-proprjeta` ta' l-attur b'madwar seba' piedi t-tul kollu tal-plots kif jidher ahjar minn zewg pjanti tal-lokalita` in kwistjoni li gew annessi (*animo ritirandi*) ma' l-att tac-citazzjoni u markati Dokument B u C;

Premess illi, ghalkemm l-attur waqqaf lill-konvenut milli jkompli jibni u l-partijiet ftehmu li kellhom jinkarigaw il-periti taghhom biex jistabbilixxu l-punt tal-linja medjana, il-konvenut f'dawn l-ahhar gimghat arbitrarjament kompla x-xoghol b'heffa kbira u ghamel ix-shutter biex jaghti s-soqfa;

Premess illi, minhabba dan, l-attur qed isofri danni konsegwenzjali ingenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tistabilixxi, anke permezz ta' periti nominandi, il-linja medjana li tifred il-proprjeta` ta' l-attur minn dik tal-konvenut;

2. Tordna lill-konvenut jitlaq 'il barra mill-proprjeta` ta' l-attur li invada u ha ghalih u jnehhi kull kostruzzjoni li ghamel fuqha;

B'rizerva ghal kull azzjoni ohra ta' danni spettanti lill-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi in linea preliminari l-inkompetenza ta’ din il-Qorti *rationae materiae* stante li din mhux materja tal-Qorti tal-kummerc imma tal-Qrati ta’ gurisdizzjoni ordinarja;

2. Illi subordinatament u fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante illi hu bena il-hajt divizorja bejn il-proprjeta` tieghu u dik ta’ l-attur preciz fuq il-linja indikata mill-istess Perit Carmelo Vella, li kien il-perit ta’ l-attur u gabu l-istess attur biex jirrizolvi l-kwistjoni;

2. Ghalhekk hu kien in assoluta *buona fede* meta beda jibni il-hajt fejn hu llum u kien biss wara li l-attur rega’ bdielu, qabbad perit iehor u beda jirriklama dwar invazjoni. Tentattiv ta’ mandat ta’ inibizzjoni gie michud minn din il-Qorti kif preseduta u l-eccipjent kompla bix-xoghlijiet gja intraprizi, kif kellu u ghandu kull dritt li jaghmel;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat is-sentenza in parte moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta’ Jannar 1993 li permezz taghha intlaqghet l-ewwel eccezzjoni ta’ inkompetenza *ratione materiae* sollevata mill-konvenut, u konsegwentement, iddikjarat ruhha inkompetenti li tiehu konjizzjoni tal-kawza u in konformita` mad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 778(1) tal-Kap. 12, l-atti processwali gew trasmessi, tramite r-Registratur, lill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell biex hija tiddeciedi finalment liema hija l-Qorti kompetenti biex tiehu konjizzjoni tal-kawza odjerna;

Rat id-decizjoni ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell tat-18 ta’ Frar 1993 li permezz taghha giet revokata l-imsemmija sentenza tat-18 ta’ Jannar 1993 u l-atti intbaghtu lura quddiem il-Qorti tal-Kummerc biex tkompli tisma’ u tiddeciedi l-kawza;

Rat id-digriet tat-12 ta’ Mejju 1993 fejn gie nominat bhala perit tekniku AIC Frederick Doublet biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-isemmi perit tekniku li tinsab a fol. 36 *et sequitur* tal-process li gie minnu debitament fl-udjenza tad-19 ta’ Gunju 1998;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda in eskussjoni tal-Perit tekniku tal-15 ta’ Frar tas-sena 2000 kif ukoll dik moghtija fil-5 ta’ Frar 2001;

Rat ir-rapport supplimentari ta’ Perit Tekniku Fredrick Doublet esebit a fol. 177 *et sequitur* tal-process u li gie minnu konfermat fid-29 ta’ Novembru 2000, kif ukoll it-tieni relazzjoni supplimentari (fol. 200 *et sequitur*) ta’ l-istess perit relatur minnu wkoll konfermata fid-19 ta’ Gunju 2001;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni;

Rat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Permezz ta' l-azzjoni promossa minnu l-attur qed jitlob li tigi stabbilita l-linja medjana bejn il-proprjeta` tieghu u dik tal-konvenut, u biex, inoltre, il-konvenut jigi kkundannat jizgombra mill-art invasa minnu, proprjeta` ta' l-istess attur;

Jirrizulta li l-kontendenti huma sidien ta' plots li jinsabu fl-inhawi ta' "Ghajn Blat", fil-kontrada ta' Ghar Dalam, liema plots jifformaw parti minn art fabbrikabbli f'San Gorg, Birzebbugia. L-attur huwa sid ta' plots numri tlettax (13) u erbatax (14) mentri l-konvenut huwa proprjetarju ta' plot numru hmistax (15);

Jirrizulta li f'xi zmien wara l-akkwist tal-plots it-triq giet spustata 'l barra u b'hekk il-plots kibru fil-fond taghhom. Il-konvenut jghid li dan sar bl-intervent u insistenza tieghu. Ghalhekk ippretenda li jigi kompensat minghand l-attur billi dan jaghti zewg piedi jew tlieta mill-plot attigwa ma' dik tieghu. Ara deposizzjonijiet ta' Carmelo Montebello (fol. 20), u tal-konvenut fil-proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni esebit a fol. 117 tal-process. L-attur irrifjuta din il-proposta;

Jirrizulta wkoll li bl-intervent ta' l-Arkitett Carmelo Vella u tas-surveyor Alfred Darmenia giet stabbilita bl-immarkar fuq il-hajt il-linja divizorja bejn iz-zewg proprjetajiet tal-kontendenti;

Billi l-attur ma kienx kuntent bis-sitwazzjoni u l-mod tal-qasma materjali mfassla mill-imsemmija perit u surveyor huwa nkariga lill-Perit Joseph Mangion. Irrizulta skond dan il-perit illi wara li hareg il-qisien *in situ* u ha l-mizurazzjonijiet instab li l-konvenut kien fil-kors ta' l-izvilupp invada l-proprjeta` ta' l-attur;

Jirrizulta li l-imsemmi Perit Mangion ghamel il-kostatazzjonijiet tieghu fuq il-pjanta originali ta' meta kienu tqassmu l-plots u kien ghalhekk li hu ddeduca li l-bini erett ma kienx konformi mal-pjanta li biha l-attur xtara l-plots tieghu. Jirrizulta invece li l-Perit Vella u s-surveyor hadmu fuq pjanta ohra. Il-Perit Vella jirrikonoxxi li bejn iz-zewg pjanti kien hemm avarija ghal dak li hu qisien, u fil-fatt jaccetta li fuq certi partijiet hu u s-surveyor kellhom joqghodu fuq kalkolu;

Jirrizulta wkoll li fuq il-bazi tar-rizultanzi ta' l-Arkitett Mangion l-attur inizja l-proceduri ghall-hrug ta' Mandat ta'

Inibizzjoni (Numru 60/92). Din it-talba giet michuda mill-Qorti fuq il-konsiderazzjoni li l-attur ma gabx prova sufficjenti li turi li *prima facie* kellu ragun. Dan in kwantu l-konvenut ipprosegwa bl-izvilupp tal-plot tieghu fuq l-accertament tal-Perit Vella u tas-surveyor. Naturalment dik il-Qorti ma naqsitx milli thalli impregudikat kull dritt ta' azzjoni ta' rivendika spettanti lill-attur dwar l-allegata invazjoni tal-proprjeta` tieghu. Proprju dan li ta lok ghall-azzjoni odjerna;

Kien ovvju li f'kawza ta' din ix-xorta l-Qorti tinnomina perit tekniku (fol. 15) biex dan jistabbilixxi jekk il-pretensjonijiet attrici kellhomx fondament. Minhabba kjarifikazzjonijiet mitluba mill-partijiet il-perit gudizzjarju hejja mhux anqas minn zewg relazzjonijiet supplimentari oltre dik originali esebiti a fol. 37, 177 u 201 tal-process. Dan b'referenza ghall-konfigurazzjoni u l-kejl tar-rispettivi proprjetajiet tal-partijiet oltre karatteristici partikiolari ohra li jimpingu fuq il-fatt ta' l-allegata invazjoni;

Kien ezercizzju ta' kostatazzjonijiet matematici, mhux nieqes minn diffikultajiet, minhabba interpretazzjoni ta' kuntratti, pjanti, verifiki ta' kejl, caqliq minhabba estensjoni fl-allinjament u varjazzjonijiet bejn pjanta u ohra. "Dan kollu xoghol ta' natura teknika mill-aktar kumplessa li kellu necessarjament jigi fdat mill-Qorti f'idejn persuni esperti bhal periti u surveyors, biex dawn jaghmlu l-analisi taghhom fuq dak li gie lilhom sottomess bhala provi, mhux biss b'xhieda imma aktar u aktar bi pjanti, surveys u kalkoli" ("**Benjamin Camilleri noe -vs- Charles Debattista noe**", Appell, 9 ta' Frar 2001);

Fuq il-bazi tal-verifiki u kalkoli minnu kondotti l-perit relatur sab illi tabilhaqq kienet tirrizulta invazjoni da parte tal-konvenut tal-proprjeta ta' l-attur. Tali konkluzjoni ma tistax leggerment tigi skartata. Kif rimarkat fis-sentenza appena citata "f'cirkostanzi bhal dawn ikun prezuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni ferm valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma ukoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega

biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati.";

Dan jghodd maggjorment imbaghad fejn il-parti ma tkunxipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha koncessa mil-ligi li titlob il-hatra ta' periti addizzjonali. Ovvjament il-parti, in mankanza ta' dan, setghet, kif fil-fatt hekk ghamlet f'dan il-kaz, taghmel l-eskussjoni tal-perit tekniku u tikkritika r-relazzjoni b'Nota ta' Sottomissjonijiet. Zewg fakoltajiet dawn adempiti f'dan il-kaz b'mod alkwantu serrat u ben studjat mill-partijiet involuti;

Rinfaccjat bir-rizultanzi peritali l-konvenut jaqa' fuq il-linja difensjonali illi:-

(a) hu ma kienx "*in mala fede*";

(b) f'kull kaz, l-invazjoni ma kienetx teccedi l-hamsa fil-mija (5%) ta' l-art u konsegwentement, filwaqt li hu jibqa' jzomm l-art mehuda, hu obbligat biss li jivversa kumpens;

Hu ovvju mit-tezi sostenuta li l-konvenut qed jistrieh fuq id-dispost ta' l-Artikolu 571 tal-Kodici Civili;

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tezamina din id-disposizzjoni u kif din tirrelata ruhha ghal fatti, jinhass opportun illi jigi qabel xejn ri-affermat dak stipulat fl-Artikolu 321 tal-Kodici Civili li jghid:-

"Hadd ma jista' jigi mgieghel jitlaq minn idejh proprjeta` tieghu jew ihalli lil haddiehor jaghmel uzu minnha, hlief ghal skop pubbliku, u bil-hlas ta' indennizz gust."

Meta l-haga tittiehed minn taht idejn sidha, min iwettaq dan l-att jista' jkun jew *in bona fede* jew *in mala fede*. Il-ligi tiddefinixxi l-possessuri ta' bona fidi u ta' mala fidi fl-Artikolu 531(1) u (2) tal-Kodici Civili u tghid illi fl-ewwel kategorija jidhlu l-persuni li ghal ragunijiet li ghandhom mis-sewwa jahsbu li l-haga li jipposjedu hi taghhom, mentri fil-tieni klassi ta' possessuri jikkonfiguraw dawk li

jew jafu, jew minhabba c-cirkostanzi ghandhom jahsbu li l-haga li jipposjedu hi ta' haddiehor;

Dejjem skond il-ligi taghna l-bona fidi hi prezunta mentri huwa dmir ta' l-attur li jallega l-mala fidi li hu fl-obbligu li jipprovaha (Artikolu 532, Kap. 16). Kif intqal fid-decizjoni "**Kaptan Robert Mizzi et -vs- Francesco Debono**", Appell Civili, 14 ta' Ottubru 1966, "dak li l-ligi taghna tirrikjedi biex il-pussess ikun ta' *buona fede* huwa illi l-possessur ikun ghal motivi verosimili jahseb li l-haga li jipposjedi hi tieghu; u dan l-istat ta' mohh fil-possessur hu prezunt sakemm min jallega n-nuqqas ta' *buona fede* jew il-*mala fede* ma jwaqqax dik il-presunzjoni". Ara wkoll "**Giorgia Bilocca noe -vs- Roger Lapira**", Appell Civili, 10 ta' Gunju 1966;

Dan stabbilit l-element li jehtieg li jigi approfondit huwa proprju dak kontestat bejn il-kontendenti u cioe` jekk il-konvenut meta okkupa bil-bini l-art ta' l-attur kienx, jew le, "*in bona fide*";

Jinghad mill-ewwel a skans ta' ekwivoci illi dubji f'kazijiet konsimili dejjem necessarjament jibqa' f'xi grad jew iehor. Pero` jinkombi dejjem illi jigu valutati sew il-provi biex minnhom ikun jista' jinghad b'certezza jekk dawn jinnewtralizzawx il-presunzjoni legali stabilita fl-Artikolu 531 fuq referit;

Jirrizulta mis-sottomissjonijiet tieghu, orali (fol. 221) jew permezz ta' nota (fol. 122 u fol. 228) illi l-konvenut baqa' jsostni dak li kien eccepixxa (fol. 13) fuq l-aspett ta' l-invazjoni u maggorment fuq il-*buona fede* tieghu, bl-applikazzjoni tad-dispozittiv ta' l-Artikolu 571 tal-Kodici Civili li jikkontempla l-akkwist ta' proprjeta` immobiljari bil-jedd ta' accessjoni versu kumpens xieraq biex jaghmel tajjeb ghal dan l-akkwist *"ope legis";*

Wiehed irid jaccerta ruhu jekk il-provi, oggettivament analizzati, iwasslux ghas-sostenn ta' din l-eccezzjoni centrali tal-konvenut li hu kien in bona fidi. Bona fidi li tkun determinata mhux b'gudizzju soggettiv dwar dak li l-

konvenut seta' basar li kienet il-qaghda izda pjuttost in bazi ghal kriterji oggettivi;

Ir-rikorrenza tal-linja difensjonali addottata mill-konvenut kienet dik li hu segwa l-linja ta' demarkazzjoni stabbilita mill-Arkitett Carmelo Vella, inkarigat mill-istess attur, u mis-surveyor Alfred Darmenia. Huwa jemfasizza illi l-Qorti adita mill-proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni tatu ragun ghax fil-fatt din cahdet it-talba li ressaq l-attur f'dan il-kuntest;

Issa huwa minnu dak suggerit mill-attur illi l-fatt illi l-Qorti ma tkunx akkoljat talba ghal hrug ta' mandat ma jfissirx necessarjament illi d-dritt tieghu ma kienx jezisti jew li ghal daqshekk, u nonostante l-protesti tieghu, anke wiehed gudizzjarju (fol. 147), il-konvenut seta' jissokta bix-xoghlijiet meta dak kostatat mill-Qorti kien biss "*prima facie*";

Minn naha l-ohra, lanqas ma hu mistenni li wiehed li jkun fil-posizzjoni tal-konvenut, attiza c-cahda ta' l-attur ghal hrug tal-mandat, ghandu jieqaf milli jipprosegwixxi bl-izvilupp tieghu u jikkontempla s-sitwazzjoni *sub specie aeternitatis* sakemm tigi deciza l-kawza. Jew li ghandu wkoll jkun pretiz minnu li jaghmel accertamenti ulterjuri 'l hinn minn dak gja determinati minn Perit kwalifikat li segwa bhala bazi pjanta fornita lilu mill-partijiet, jew ghallanqas accettata minnhom. Dan ma kienx il-kaz semplici deskritt fis-sentenza "**John Abela et nomine -vs- John Cassar**", Appell, 20 ta' Marzu 2001 fejn il-konvenut qaghad fuq id-direzzjonijiet ta' surveyor inkarigat minnu, skond posti senjalati lilu mis-surveyor, minghajr ma ha hsieb li preventivament ikollu l-accertament ikkostatat b'kejl minn perit arkitett;

Fil-kaz taht konsiderazzjoni huwa minnu li x-xoghol baqa' ghaddej minkejja l-protesti u l-opposizzjoni ta' l-attur. Izda huwa minnu wkoll illi l-agir tal-konvenut ma jistax jitqies fic-cirkostanzi tal-kaz *de quo* illi l-impossessament ta' l-art ta' l-attur kien vizzjat b'mala fede, meta huwa kellu "*probable grounds*" ('ragunijiet verosimili'), minn dak

accertat lilu mill-Perit Vella, biex jahseb li l-art li bena fuqha kienet tieghu;

Biex jinghad kollox bhala punt ta' dritt, jinsab espress fid-decizjoni fl-ismijiet "**Flora Caruana et -vs- Anthony Cassingena et**", Appell Civili, 4 ta' Dicembru 1959 illi "jekk it-terz possessur waqt li kien qed jibni, jigi avzat u diffidat li l-art mhix tieghu, u ntant hu jkompli jibni, hu mhux tenut jiddemolixxi u jnehhi dak li ghamel wara d-diffida jekk ix-xoghlijiet li ghamel wara d-diffida jkunu fil-kaz partikolari taghhom accessorji ta' dawk li kienu tlestew qabel, u kienu utili, jekk mhux mehtiega, ghall-istess konservazzjoni taghhom.";

Issa ghal kompletezza l-Artikolu 571 tal-Kodici Civili hekk jiddisponi:-

"Jekk fit-tlugh ta' bini tigi okkupata b'bona fidi bicca mill-fond li jmiss ma' dak il-bini, u l-gar ikun jaf li qieghed isir dak il-bini u ma jaghmilx opposizzjoni, l-art li tigi hekk okkupata u l-bini li jsir fuqha jistghu jigu dikjarati ta' proprjeta` ta' min bena, taht l-obbligu li jhallas lil sid l-art il-valur tal-wicc li jkun okkupa, u li jaghmel tajjeb kull hsara li tkun saret.";

Gja din il-Qorti aktar il-fuq ezaminat aspetti saljenti ta' dan id-dispost tal-ligi.  Dispost li fil-verita`, jekk akkolt, sid l-art ma jkollux dritt jitlob id-demolizzjoni tal-kostruzzjoni li tkun saret fuq l-art tieghu, u dan biex ukoll ma jigix deformat il-bini hekk kostruwit (Ara "**Alfonso Bezzina -vs- Francesco Borg et**" Prim' Awla, Qorti Civili, 27 ta' Gunju 1964);

Dan in omagg ukoll ghall-principju li tikkonsidra favur l-edilizju norma ta' natura eccezzjonali. Ara decizjonijiet a **Vol. XVII P II p 44; Vol. XXXVII P II p 678; Vol. L P II p 283** u "**George Azzopardi -vs- Francis Baldacchino**", Appell Civili, 25 ta' April 1975;

Jidher li l-fil konduttur f'bosta minn dawn id-decizjonijiet hu dak li jhares b'favur lejn il-konservazzjoni tal-bini. Tabilhaqq dan hu hekk il-kaz anke *ope legis* fil-kaz ta'

possessur ta' mala fede basta dan ma jkunx akkwista l-pussess b'serq jew b'reat iehor. Hawn ukoll permezz ta' l-Artikolu 543 (1) tal-Kodici Civili il-ligi timpedixxi d-demolizzjoni dwar miljoramenti li ma jistghux jitnehhew u taghmel lil veru sid l-istess obbligi lejn dan il-pussessur li ghandu versu l-pussessur ta' bona fidi;

Fil-kaz *de quo*, imbaghad, dina l-Qorti thoss li mill-kumpless tal-provi ghandha tinklina lejn il-veduta tal-konvenut li hu kien in *buona fede* meta bena;

Naturalment din il-Qorti ma tikkondividix l-argument sussidjarju avvanzat mill-konvenut dwar il-percentwali ta' hamsa fil-mija (5%). Dan l-argument ma jiccentra xejn fil-kwistjoni hawn dibattuta. Dak li jghodd hu biss il-fatt ta' l-uzurpazzjoni u l-bona, jew mala, fede. Kien ikun validu fil-kaz ta' kuntrattazzjonijiet ta' kompro-vendita fejn tintuza l-kelma "cirka" u fejn allura jinsab ritenut illi din il-kelma "ma ghandiex tigi estiza sal-punt li tillibera *sic et sempliciter*" lill-venditur mill-garanzija u ghandha titqies logikament li tilliberah biss minn garanzija aritmetika. Jigifieri l-uzu ta' din il-kelma jimporta certa tolleranza biss ... fil-kaz ta' stabili ghal hamsa fil-mija (5%)." (**Vol. XLII P I p 180**; Artikolu 1402 tal-Kodici Civili);

Dak rilevat in subjecta materja mill-attur fin-Nota tieghu a fol. 216 jaghmel sens guridiku u qed jigi mill-Qorti sostenut;

Finalment kif jirrileva l-perit gudizzjarju f'paragrafu 20.26 tar-relazzjoni tieghu huwa ma dahalx fil-meritu tal-valutazzjoni ta' l-art okkupata billi hu hass li dan ma kienx parti mill-inkarigu affidat lilu. Ghal korrettezza l-ligi tahseb ukoll li oltre l-"valur tal-wicc" li jkun qed jokkupa l-bini trid tigi determinata u valutata wkoll "kull hsara li tkun saret" b'rizultat ta' l-invazjoni.

Tenut qies li tali likwidazzjoni timporta ezami ta' l-entita` tal-hsara ghal liema allura jghoddu d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 569 bl-applikazzjoni ta' l-Artikoli 542 u 543 jinhass opportun illi l-provi u l-kontegg dwarhom jsiru f'gudizzju

separat. Dan skond il-gwida traccjata fid-decizjoni a **Vol. XLIII P I p 446.**

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel Domanda attrici u dan fis-sens u konformament mal-konkluzjoni raggunta mill-perit gudizzjarju fir-relazzjoni tieghu a fol. 36 *et sequitur* tal-process;

Takkolji l-eccezzjoni tal-konvenut fis-sens li hu bena *in buona fede* u konsegwentement tichad it-Tieni Domanda attrici relattivament ghat-tnehhija tal-bini erett mill-istess konvenut fuq parti mill-art proprjeta` ta' l-attur. B'dana kollu qed jigi rizervat favur l-attur kull dritt ta' azzjoni tendenti ghal-likwidazzjoni ta' dak spettanti lilu fit-termini ta' l-Artikolu 571 tal-Kodici Civili.

Minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ugwalment sopportati bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------